MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 24/2014

Erica Saliba.
Vs
Francis Schembri u George Schembri bhala diretturi tas-socjeta Neptunes Bar and Restaurant Company Limited u b'digriet ta' l-4 ta' Dicembru 2014 gew kjamati in kawza Francis Schembri u George Schembri

**It-Tribunal**

Ra' l-avviz li permezz tieghu l-attrci talbet li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn, disa mija u tmienja u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€2928.84) rapprezentanti hlas ta' pagi ghal xoghol bejn Gunju u Awissu 2013. Bl-imghax skond il-ligi.

Ra' r-risposta tal-kumpanija konvenuta fejn gie eccepit li d-domandi attrci huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u li s-socjeta konvenuta ma hix il-legittimu kontradittur kif ukolll illi l-ammont pretiz ma huwiex dovut.

Ra’ d-digriet tieghu ta’ l-4 ta’ Dicembru 2014 li permezz tieghu gew kjamati in kawza Francis Schembri u George Schembri personalment.

Ra’ r-risposta tal-kjamati in kawza li permezz taghha eccepew illi l-kjamti in kawza qatt ma haddmu maghhom lil attrici fiz-zmien indikat; kif ukoll eccepew il-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2147 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra’ d-dokumenti kollha esebiti.

Sema’ x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ra’ d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tas-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi minn l-assjiem tal-provi jirrizulta illi effettivament Erica Saliba vera kienet impjegata fin-Neptunes Bar and Restaurant, restorant illi jigi operat formalment mill-kumpanija konvenuta li ggib l-istess isem. Pero minn imkien ma jirrizulta illi kienet din il-kumpanija illi impjegat lil attrici. L-attrici stess tammetti illi quddiema qatt ma issemmew kumpaniji izda tghid li hi dejjem ikkuntrattat ma Francis Schembri.

Fis-smigh ta’ din il-kawza gie allegat minn Francis Schembri illi jekk kien hemm xi impjieg dan kien ma ibnu Roderick Schembri li skond hu dak iz-zmien kien imexxi n-negozju. Mix-xhieda ta’ Roderick Schembri inniffsu jirrizulta illi hu minnu li sa certa punt dan kellu rwol ta’ mghallem, izda johrog car illi dan kien impjegat ukoll u ma kien jikkmanda xejn u l-amministrazzjoni baqghet dejjem f’idejn Francis Schembri li kien hu li kien ihaddem u jhallas il-haddiema. Dan jinsab konfermat ukoll mix-xhieda ta’ impjegati ohra li kkonfermaw illi huma dejjem ikkuntrattaw u thallsu minn Francis Schembri.

Dan it-Tribunal hu konvnit illi l-verzjoni ta’ Francis Schembri ma hijiex veritiera u jemmen illi kien hu li haddem lil Erica Saliba. Ma jirrizultax illi Francis Schembri minkejja li jahdem bil-kumpanija konvenuta qatt invoka lil kumpanija konvenuta fir-relazzjoni kuntrattwali ma Erica Saliba, relazzjoni li sa certa punt kienet wahda klandestina stante illi din kienet tithaddem minghajr ktieb tax-xoghol. Pero jigi ccarat illi din il-klandestinita ma ghandiex tkun ta’ ostaklu biex haddiem jithallas dak li jista jkun dovut lilu u dan in lineja mal-massima omnia labor obtat premium.

L-anqas jirrizulta minn imkien li George Schembri kien imdahhal f’din ir-relazzjoni kuntrattwali jew fl-amministrazzjoni tar-restorant. Ghalhekk il-kumpanija Neptunes Bar and Restaurant Company Limited u George Schembri ghandhom jigu liberati minn l-osservanza tal-gudizzju.

L-eccezzjonijiet ta’ Francis Schembri personalment huma principalment tnejn: wahda fis-sens illi hu ma impjegax lil Erica Saliba - eccezzjoni li in vista ta’ dak konsiderat fuq

qed tigi respinta u l-ohra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ' *ai termini ta'l-artikolu 2147 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta'*.

Jigi osservat illi minkejja illi hawnhekk gie indikat l-artikolu generiku l-paragrafu preciz ma giex indikat. Il-preskrizzjoni ma tista qatt tigi sollevata ex officcio. Minhabba f'hekk in-nuqqas ta' indikazzjoni tal-paragrafu specifiku ghandu jwassal ghar-rigett ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Gie ritenut illi meta tigi invokata l-preskrizzjoni huwa mehtieg li jigi indikat kemm l-artikolu partikolari u jekk ikun hemm diversi sub-incizi distinti li jipprospettaw preskrizzjoni ghal tipi diversi ta' azzjonijiet, is-sub-inciz partikolari ikun irid jigi invokat. Mhux bizzejjed li ssir referenza ghat-terminu preskrittiv. Il-Qorti ma tistax taghmel tajjeb hi ghal tali nuqqas billi ma tistax tqajjem il-preskrizzjoni ex ufficio. (**Futura Home Appliances vs John Peresso Appell Inferjuri 16/03/2005)** **(Ara wkoll Joseph Grech vs Emanuele Camilleri Appell Kummercjali 21/03/1977)**

Ma tistax issir referenza generika ghall-artikolu tal-preskrizzjoni minghajr ma jigi indikat il-paragrafu specifiku li jkun qed jigi citat. Il-Qorti ma tistax taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas billi ma tistax tissolleva l-preskrizzjoni ex ufficio. **(Maltacom Plc vs Salina Co. Ltd – Prim Awla 30/11/2004).**

Ghalhekk in-nuqqas ta' l-indikazzjoni tal-paragrafu fil-kaz odjern ghandha twassal ghar-rigett ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Dat dan kollu jinghad illi fil-fhema tat-Tribunal, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-anqas setghet tirnexxi ghaliex meta f'Awissu 2014 Frank Schembri qal lil attrici 'Ma rridx inhallsek' (kif xhedu l-haddiema l-ohra li semghu dan il-kliem); dan kien qieghed jirrikonoxxi li hemm hlas dovut izda ciononostante kien qed xorta jirrifjuta li jhallas. Dan jimplika rikonoxximent tad-debitu. Kienet tkun differenti kieku dan qal li ma kien dovut xejn jew li ma kellux jaghtiha.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi respinta.

Dwar il-kwantum jirrizulta illi dan qatt ma gie kontradett. Dan gie ukoll ivverifikat mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg. Minkejja li ma gie prezentat l-ebda elenku precis tas-sieghat mahduma; minn dak li rrizulta mill-provi dan it-Tribunal jidirlhu li fuq bilanc ta' probabilitajiet il-hinijiet indikati ghandhom mis-sewwa u ghalhekk il-kwantum jimmerita li jigi accettat kif mitlub.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta u dawk tal-kjamat in kawza George Schembri u jilliberahom minn l-osservanza tal-gudizzju; jilqa' t-tabiet attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza Francis Schembri; jikkundanna lil istess Francis Schembri ihallas lil attrici is-somma ta' elfejn, disa' mija u tmienja u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€ 2928.84) bl-imghax dekorribbli mid-data tal-kjamata fil-kawza cioe minn l-4 ta' Dicembru 2014 il-quddiem. Fic-cirkostanzi l-ispejjes ta' din il-kawza jigu supportati kwantu ghal terz minn l-attrici u zewgt terzi mill-kjamat in kawza Francis Schembri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------